IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.12.2016
COM(2016) 755 final

2016/0371 (CNS)

L-immodernizzar tal-VAT għall-kummerċ elettroniku transfruntier min-negozju għall-konsumatur (B2C)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud

{SWD(2016) 379}
{SWD(2016) 382}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Din il-proposta hija parti mill-pakkett ta' leġiżlazzjoni dwar il-modernizzazzjoni tal-VAT għall-kummerċ elettroniku B2C transfruntier. Il-kuntest għall-pakkett sħiħ huwa spjegat b'mod komprensiv fil-memorandum ta' spjegazzjoni tal-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE u d-Direttiva 2009/132/KE fir-rigward ta' ċerti obbligi ta' taxxa fuq il-valur miżjud għall-provvisti ta' servizzi u għall-bejgħ mill-bogħod ta' prodotti - COM(2016) 757.

Il-proposta biex jiġi emendat ir-Regolament (UE) Nru 904/2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud[1] hija element importanti tal-pakkett peress li tipprovdi l-bażi għall-infrastruttura informatika sottostanti u l-kooperazzjoni neċessarja mill-Istati Membri sabiex tiżgura s-suċċess tal-estensjoni tal-Mini Punt Uniku ta' Kuntatt (MOSS) għal servizzi oħrajn apparti s-servizzi ta' telekomunikazzjoni, ta' xandir u s-servizzi fornuti b'mod elettroniku u għall-bejgħ mill-bogħod ta' prodotti, kemm fi ħdan il-Komunità kif ukoll barra minnha. Il-pakkett sħiħ huwa stmat li jżid id-dħul mill-VAT għall-Istati Membri b'EUR 7 biljun fis-sena u jnaqqas il-kostijiet regolatorji għan-negozji b'EUR 2.3 biljun fis-sena.

2. IL-BAŻI ĠURIDIKA, IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ

- **Il-bażi ġuridika**

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Dan l-Artikolu jipprovdi sabiex il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'unanimità skont proċedura leġislattiva speċjali u wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, jadotta dispożizzjonijiet għall-armonizzazzjoni tar-regoli tal-Istati Membri fil-qasam tat-taxxa indiretta.

- **Is-sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklussiva)**

Il-proposta hija konsistenti mal-prinċipju tas-sussidjarjetà peress li l-problemi ewlenin li ġew identifikati (effetti ta' distorsjoni, piżijiet amministrattivi kbar u kostijiet tal-konformità, eċċ.) huma xkattati mir-regoli tad-Direttiva eżistenti tal-Kunsill 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud[2] (id-"Direttiva dwar il-VAT") u l-atti assoċjati. Peress li l-VAT hija taxxa armonizzata fil-livell tal-Komunità, l-Istati Membri ma jistgħux huma stess jistabbilixxu regoli differenti u, għalhekk, kwalunkwe inizjattiva sabiex jimmodernizzaw il-kummerċ elettroniku transfruntier teħtieġ proposta mill-Kummissjoni sabiex jiġu emendati d-Direttiva dwar il-VAT u l-atti assoċjati. Huwa kkunsidrat li l-proposta ser toffri biċ-ċar valur li jmur lil hinn minn dak li jista' jinkiseb fil-livell tal-Istati Membri. B'mod partikolari, minbarra l-bidliet tekniċi meħtieġa sabiex jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tal-MOSS, din il-proposta ser tnaqqas il-piżijiet amministrattivi għall-persuni taxxabbli li jużaw l-MOSS billi tipprovdi għall-prinċipju li t-talbiet għar-rekords mill-amministrazzjonijiet tat-taxxa lill-persuni taxxabbli u l-inkjesti amministrattivi dejjem għandhom ikunu kkoordinati mill-Istat Membru tal-identifikazzjoni tal-persuna taxxabbli.

[1] ĠU L 268, 12.10.2010, p. 1.
[2] ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

- **Il-proporzjonalità**

Il-proposta hija konsistenti mal-prinċipju tal-proporzjonalità, jiġifieri ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex tilħaq l-objettivi tat-TFUE, b'mod partikolari l-funzjonament mingħajr intoppi tas-suq uniku. Rigward it-test tas-sussidjarjetà, mhuwiex possibbli għall-Istati Membri li jindirizzaw il-problemi u l-fatturi ewlenin tal-problemi mingħajr proposta sabiex jiġu emendati d-Direttiva dwar il-VAT u l-atti assoċjati. Żewġ aspetti tal-proposta huma ferm importanti f'termini ta' proporzjonalità. L-ewwel wieħed huwa marbut mal-koordinazzjoni mill-Istati Membri fir-rigward tal-inkjesti amministrattivi u tal-awditi tan-negozji fi ħdan is-sistema MOSS. Din il-koordinazzjoni tista' twassal għal skema ta' konformità aktar effettiva u effiċjenti kemm għall-Istati Membri kif ukoll għan-negozji. Madankollu, Stat Membru tal-konsum mhuwiex ser ikun ipprojbit milli jikkuntattja b'mod dirett lin-negozji jekk l-Istat Membru tal-identifikazzjoni ma jaqbilx dwar il-bżonn li jsir awditu. It-tieni aspett huwa relatat mal-introduzzjoni ta' miżata amministrattiva li biha l-Istat Membru tal-identifikazzjoni ser jirċievi miżata ta' 5 % tal-ammonti miġbura f'isem Stati Membri oħrajn bħala kumpens għall-investiment meħtieġ sabiex tiġi aġġornata s-sistema informatika MOSS wara l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tagħha, il-kostijiet kurrenti tal-manutenzjoni u r-riżorsi minfuqin għall-kontroll tan-negozji stabbiliti f'dak l-Istat Membru bil-għan li tissaħħaħ il-kooperazzjoni u tittejjeb il-konformità.

- **L-għażla tal-istrument**

Din il-proposta temenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010.

3. RIŻULTATI TA' EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TA' KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TA' VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Din il-proposta hija parti mill-pakkett ta' leġiżlazzjoni dwar il-modernizzazzjoni tal-VAT għall-kummerċ elettroniku B2C transfruntier. Ir-riżultati tal-evalwazzjoni *ex post*, tal-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u tal-valutazzjoni tal-impatt huma stabbiliti fil-memorandum ta' spjegazzjoni tal-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE u d-Direttiva 2009/132/KE fir-rigward ta' ċerti obbligi ta' taxxa fuq il-valur miżjud għall-provvisti ta' servizzi u għall-bejgħ mill-bogħod ta' prodotti - COM(2016) 757.

Fil-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, ir-rappreżentanti tan-negozji kienu ferm favur il-bżonn li l-Istati Membri jikkoordinaw l-awditi peress li, inkella, in-negozji jkunu affaċċjati b'xenarju li fih jirċievu 28 talba separata għal awditu. In-nuqqas ta' dispożizzjoni bħal din fil-leġiżlazzjoni attwali ġab miegħu inċertezza għan-negozji, speċjalment fil-każijiet li fihom jirċievu korrispondenza mingħand amministrazzjonijiet tat-taxxa oħrajn. Barra minn hekk, ħafna mill-Istati Membri indikaw li huma wkoll favur dan l-approċċ peress li huwa mezz aktar effiċjenti kif jintużaw ir-riżorsi tal-awditi. F'termini tal-valutazzjoni tal-impatt, l-għażla ppreferuta li inkludiet il-koordinazzjoni tal-awditi ġiet stmata li twassal għal tnaqqisiet akbar fil-kostijiet tal-konformità għan-negozji meta mqabbla mal-alternattivi.

4. L-IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta hija parti mill-pakkett ta' leġiżlazzjoni dwar il-modernizzazzjoni tal-VAT għall-kummerċ elettroniku B2C transfruntier. L-implikazzjonijiet baġitarji tal-proposta sħiħa huma spjegati b'mod dettaljat fil-memorandum ta' spjegazzjoni tal-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE u d-Direttiva 2009/132/KE fir-rigward ta' ċerti obbligi ta' taxxa fuq il-valur miżjud għall-provvisti ta' servizzi u għall-bejgħ mill-bogħod ta' prodotti - COM(2016) 757.

Dan l-element tal-pakkett huwa meqjus li għandu implikazzjonijiet baġitarji pożittivi importanti. Il-koordinazzjoni tal-awditi flimkien mal-inċentiv tal-miżata amministrattiva għandhom jirriżultaw f'awditi bbażati fuq ir-riskju. Proċess ta' awditjar aktar effiċjenti li jiffoka fuq ir-redditu tal-awditi għandu jġib miegħu rati akbar ta' konformità meta mqabbel mal-alternattiva ta' approċċ mhux koordinat li jista' jieħu riżorsi żejda għalxejn. Użu ineffiċjenti tar-riżorsi skarsi tal-awditjar jista' jkollu wkoll effetti sekondarji peress li negozji oħrajn barra mis-sistema tal-MOSS ma jiġux awditjati kif suppost u dan jista' jwassal għal rati ta' konformità anqas għall-VAT u għal taxxi oħrajn u, b'hekk, ikollu impatt baġitarju negattiv.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Id-dispożizzjonijiet relatati mal-MOSS inklużi fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 kellhom bżonn jiġu emendati u jitlestew skont l-emendi proposti għad-Direttiva dwar il-VAT. Dawn id-dispożizzjonijiet ikopru r-regoli u l-proċeduri għall-iskambju b'mezzi elettroniċi bejn persuni taxxabbli u l-amministrazzjoni tat-taxxa tagħhom kif ukoll bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa tal-Istati Membri tal-informazzjoni dwar il-VAT rigward l-identifikazzjoni tal-VAT, id-dikjarazzjonijiet tal-VAT u l-pagamenti tal-VAT fi ħdan l-MOSS.

L-Artikoli 1(4), 2(2), 17(1)(d) u 31 tar-Regolament huma emendati sabiex jirriflettu l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-MOSS għal servizzi li mhumiex servizzi ta' telekomunikazzjoni, ta' xandir u servizzi fornuti b'mod elettroniku (minn hawn 'il quddiem imsejħin "servizzi elettroniċi") u għall-bejgħ mill-bogħod ta' prodotti (il-punti 1 sa 4 tal-Artikolu 1 tal-proposta).

It-titolu tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu XI tar-Regolament huwa emendat sabiex jillimita l-applikazzjoni tiegħu sal-31 ta' Diċembru 2020 (il-punt 5(a) tal-Artikolu 1 tal-proposta).

Il-punt 5(b) tal-Artikolu 1 tal-proposta jdaħħal Taqsima 3 ġdida fil-Kapitolu XI tar-Regolament. Fih id-dispożizzjonijiet applikabbli mill-1 ta' Jannar 2021.

Is-Subtaqsima 2 tat-Taqsima 3 (l-Artikoli 47b sa 47g) fiha d-dispożizzjonijiet relatati mal-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri rigward l-identifikazzjoni ta' persuni taxxabbli li jagħmlu użu mill-MOSS, mid-dikjarazzjonijiet tal-VAT u mill-pagamenti tal-VAT. Jirriflettu d-dispożizzjonijiet eżistenti tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu XI u jestenduhom għal servizzi għajr is-servizzi elettroniċi u għall-bejgħ mill-bogħod ta' prodotti.

Is-Subtaqsima 3 tat-Taqsima 3 (l-Artikoli 47h sa 47k) fiha d-dispożizzjonijiet relatati mal-kontroll tat-tranżazzjonijiet u tal-persuni taxxabbli. L-Artikolu 47h jipprovdi li l-Istati Membri tal-importazzjoni għandhom jivverifikaw il-validità tan-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT li jrid jiġi pprovdut lill-awtoritajiet doganali mal-importazzjoni tal-prodotti li għalihom il-VAT hija ddikjarata u mħallsa bl-MOSS. Numru ta' identifikazzjoni validu tal-VAT huwa kundizzjoni għall-applikazzjoni tal-eżenzjoni mal-importazzjoni tat-tali prodotti. L-Artikoli 47i u 47j jipprovdu li t-talbiet għar-rekords mill-Istati Membri lil persuni taxxabbli u l-investigazzjonijiet amministrattivi għandhom ikunu kkoordinati mill-Istat Membru tal-identifikazzjoni, sabiex jiġu evitati talbiet mhux koordinati għal rekords jew investigazzjonijiet amministrattivi minn diversi Stati Membri tal-konsum. B'mod simili, l-Artikolu 47k jipprovdi għall-intervent tal-Istat Membru tal-identifikazzjoni għan-notifika ta' valutazzjoni tat-taxxa maħruġa minn Stat Membru tal-konsum wara investigazzjoni amministrattiva u għall-ġbir tal-ammonti dovuti minn valutazzjoni bħal din.

Is-Subtaqsima 4 tat-Taqsima 3 (l-Artikolu 47l) tipprovdi għall-ħlas ta' miżata ta' 5 % li trid titħallas mill-Istati Membri tal-konsum lill-Istat Membru tal-identifikazzjoni bħala kumpens għal dan l-Istat Membru msemmi l-aħħar għall-kostijiet assoċjati mal-ġbir u mal-kontroll tal-VAT skont l-iskemi speċjali. Skont l-MOSS attwali, l-Istati Membri jistgħu jżommu ċertu perċentwal tal-ammonti tal-VAT li jiġbru u jridu jittrasferixxu lill-Istati Membri tal-konsum sa tmiem l-2018[3]. Il-proposta tintroduċi mekkaniżmu permanenti, simili għall-prattika stabbilita fil-qasam tad-dwana, li jippermetti lill-Istat Membru tal-identifikazzjoni jirċievi miżata ta' 5 % mill-ammonti miġbura f'isem Stati Membri oħrajn bħala kumpens għall-investiment meħtieġ sabiex tiġi aġġornata s-sistema informatika MOSS wara l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tagħha, il-kostijiet kurrenti tal-manutenzjoni u r-riżorsi minfuqin għall-kontroll tan-negozji stabbiliti f'dak l-Istat Membru bil-għan li tissaħħaħ il-kooperazzjoni u tittejjeb il-konformità. Bis-sistema attwali (l-Artikolu 46(3) tar-Regolament), dawn l-ammonti jinżammu minn kull pagament tal-VAT fl-MOSS mill-Istati Membri tal-identifikazzjoni lil Stat Membru tal-konsum, iżda madankollu din is-sistema ħolqot ħafna kumplikazzjonijiet, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mar-rifużjonijiet lil persuni taxxabbli. Għaldaqstant huwa propost li din il-miżata tiġi kkalkolata f'livell annwali u barra mill-MOSS fuq il-bażi tal-ammonti netti involuti.

Is-Subtaqsima 5 tat-Taqsima 3 (l-Artikolu 47m) tipprovdi għall-possibbiltà li l-Kummissjoni taċċessa b'mod awtomatiku informazzjoni relatata mal-MOSS maħżuna fis-sistemi elettroniċi tal-Istati Membri, bl-eċċessjoni ta' kwalunkwe data personali. Dan jippermetti lill-Kummissjoni tiġbor informazzjoni statistika b'mod awtomatiku (eż. fuq in-numru ta' persuni taxxabbli rreġistrati fi skema speċjali) mingħajr ma jkollha tistaqsi lill-Istati Membri. Dan huwa neċessarju wkoll għal skopijiet ta' evalwazzjoni meħtieġa skont ir-regoli dwar Regolamentazzjoni Aħjar.

Is-Subtaqsima 6 tat-Taqsima 3 (l-Artikolu 47n) tagħti s-setgħat ta' implimentazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni sabiex tiddetermina d-data li trid tiddaħħal fl-iskambji ta' informazzjoni rigward l-identifikazzjoni, id-dikjarazzjonijiet tal-VAT, il-pagamenti tal-VAT, it-talbiet għal rekords jew l-inkjesti amministrattivi, eċċ., bejn il-persuni taxxabbli u l-Istati Membri jew inkella bejn l-Istati Membri kif ukoll il-mezzi tekniċi għas-sottomissjoni jew għat-trażmissjoni ta' din l-informazzjoni. Għal ċarezza, dawn id-dispożizzjonijiet huma raggruppati f'artikolu wieħed minflok ma ġew inklużi f'kull dispożizzjoni kkonċernata, hekk kif inhu l-każ fit-test attwali tar-Regolament.

Finalment, il-punt 6 tal-Artikolu 1 tal-proposta jemenda l-punt (1) tal-Anness I, billi jallinjah mal-emendi proposti għad-Direttiva dwar il-VAT rigward il-bejgħ mill-bogħod ta' prodotti (tħassir tal-Artikolu 34 tagħha).

[3] 30 % mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2016; 15 % mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2018; ħadd ma jżomm aktar mill-1 ta' Jannar 2019.

2016/0371 (CNS)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz ta' att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[2],

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġislattiva speċjali,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010[3] jistabbilixxi r-regoli dwar l-iskambju u l-ħżin ta' informazzjoni mill-Istati Membri sabiex jistabbilixxi l-iskemi speċjali stipulati fil-Kapitolu 6 tat-Titolu XII tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE[4].

(2) L-estensjoni mill-1 ta' Jannar 2021 ta' dawk l-iskemi speċjali għall-bejgħ mill-bogħod ta' prodotti u ta' servizzi għajr servizzi ta' telekomunikazzjoni, ta' xandir jew servizzi fornuti b'mod elettroniku teħtieġ l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli ta' dan ir-Regolament dwar il-forniment ta' informazzjoni u t-trasferiment ta' flus bejn l-Istati Membri tal-identifikazzjoni u l-Istati Membri tal-konsum.

(3) L-estensjoni tal-iskemi speċjali għall-bejgħ mill-bogħod ta' prodotti importanti minn territorji terzi jew pajjiżi terzi teħtieġ li l-awtorità doganali tal-Istat Membru tal-importazzjoni tkun tista' tidentifika l-importazzjonijiet ta' prodotti f'konsenji żgħar li għalihom it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) trid titħallas permezz ta' waħda mill-iskemi speċjali. Għalhekk, in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT li bih titħallas il-VAT għandu jiġi kkomunikat bil-quddiem sabiex l-awtoritajiet doganali jkunu jistgħu jivverifikaw il-validità tiegħu mal-importazzjoni tal-prodotti.

(4) Il-persuni taxxabbli li jużaw skemi speċjali bħal dawn jistgħu jkunu soġġetti għal talbiet għal rekords u għal investigazzjonijiet amministrattivi mill-Istat Membru tal-identifikazzjoni u mill-Istati Membri kollha tal-konsum fejn jiġu fornuti l-prodotti jew is-servizzi. Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv u l-kostijiet tal-konformità għan-

---

1 ĠU C , , p. .

2 ĠU C , , p. .

3 Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 268, 12.10.2010, p. 1).

4 Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).

negozji kif ukoll għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa ta' diversi talbiet għal rekords u tal-investigazzjonijiet amministrattivi u sabiex jiġi evitat xogħol doppju, tali talbiet u investigazzjonijiet għandhom ikunu kkoordinati kemm jista' jkun mill-Istat Membru tal-identifikazzjoni.

(5) Peress li, bl-iskemi speċjali, Stat Membru tal-identifikazzjoni jiġbor u jikkontrolla l-VAT f'isem l-Istati Membri tal-konsum, xieraq li jiġi pprovdut għal mekkaniżmu li bih l-Istat Membru tal-identifikazzjoni jirċievi dritt mingħand l-Istati Membri tal-konsum ikkonċernati li jikkumpensa għall-kostijiet tal-ġbir u tal-kontroll. Madankollu, peress li s-sistema attwali li biha tinżamm miżata mill-ammonti tal-VAT ittrasferiti mill-Istat Membru tal-identifikazzjoni lill-Istati Membri tal-konsum ħolqot kumplikazzjonijiet għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa, b'mod partikolari meta jkunu involuti r-rimborżi, tali miżata għandha tiġi kkalkolata u titħallas darba fis-sena, barra l-iskemi speċjali.

(6) Sabiex jiġi ssimplifikat il-ġbir tad-data statistika rigward l-applikazzjoni tal-iskemi speċjali, il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata taċċessa b'mod awtomatiku l-informazzjoni ġenerali relatata mal-iskemi speċjali maħżunin fis-sistemi elettroniċi tal-Istati Membri, bl-eċċezzjoni tad-data rigward il-persuni taxxabbli individwali.

(7) L-informazzjoni li trid tiġi sottomessa mill-persuna taxxabbli u li trid tintbagħat bejn l-Istati Membri għall-applikazzjoni tal-iskemi speċjali, kif ukoll il-mezzi tekniċi għas-sottomissjoni mill-persuna taxxabbli jew għat-trażmizzjoni ta' din l-informazzjoni bejn l-Istati Membri għandha tiġi adottata skont il-proċedura regolatorja pprovduta fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5].

(8) Minħabba ż-żmien meħtieġ sabiex jiddaħħlu fis-seħħ il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u sabiex l-Istati Membri jadattaw is-sistema informatika tagħhom għar-reġistrazzjoni u għad-dikjarazzjoni u għall-ħlas tal-VAT kif ukoll sabiex jieħdu kont tal-emendi introdotti mill-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill [...]/UE[6], dan ir-Regolament għandu japplika mid-data tal-applikazzjoni ta' dawk l-emendi.

(9) Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) Nru 904/2010 għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 904/2010 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll regoli u proċeduri għall-iskambju b'mezzi elettroniċi ta' informazzjoni dwar il-VAT fuq il-prodotti u s-servizzi fornuti skont l-iskemi speċjali previsti fil-Kapitolu 6 tat-Titolu XII tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE u wkoll għal kwalunkwe skambju sussegwenti ta' informazzjoni u, safejn huma kkonċernati l-prodotti u s-servizzi koperti mill-iskemi speċjali, għat-trasferiment ta' flus bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri."

---

5 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

6 Id-Direttiva tal-Kunsill […]/UE tal-[…] li temenda d-Direttiva 2006/112/KE u d-Direttiva 2009/132/KE fir-rigward ta' ċerti obbligi tat-taxxa fuq il-valur miżjud għall-provvisti ta' servizzi u għall-bejgħ mill-bogħod ta' prodotti.

(2) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 2 huwa sostitwit kif ġej:

“2. Id-definizzjonijiet li jinsabu fl-Artikoli 358a, 369a u 369l tad-Direttiva 2006/112/KE għall-finijiet ta’ kull skema speċjali għandhom japplikaw ukoll għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament.”

(3) fl-Artikolu 17(1), il-punt (d) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(d) l-informazzjoni li huwa jiġbor skont l-Artikoli 360, 361, 364, 365, 369c, 369f, 369g, 369o, 369p, 369s u 369t tad-Direttiva 2006/112/KE.”

(4) l-Artikolu 31 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 jinbidel b’dan li ġej:

“1. L-awtoritajiet kompetenti ta’ kull Stat Membru għandhom jiżguraw li persuni involuti fil-provvista intra-Komunitarja ta’ oġġetti jew servizzi u persuni taxxabbli mhux stabbiliti li jfornu servizzi, huma permessi jiksbu, għall-ħtiġijiet ta’ dawn it-tranżazzjonijiet, konferma elettronika tal-validità tan-numru ta’ identifikazzjoni tal-VAT ta’ kwalunkwe persuna speċifikata kif ukoll l-isem u l-indirizz li jikkorrispondu. Din l-informazzjoni għandha tikkorrispondi mad-dejta msemmija fl-Artikolu 17.

(b) jitħassar il-paragrafu 3.

(5) Il-Kapitolu XI huwa emendat kif ġej:

(a) l-intestatura tat-Taqsima 2 għandha tinbidel b’dan li ġej:

“Id-dispożizzjonijiet applikabbli mill-1 ta’ Jannar 2015 sal-31 ta’ Diċembru 2020”

(b) it-taqsima 3 il-ġdida hija miżjuda kif ġej:

“*TAQSIMA 3*
Dispożizzjonijiet applikabbli mill-1 ta’ Jannar 2021

Subtaqsima 1

Dispożizzjoni ġenerali

Artikolu 47a

Id-dispożizzjonijiet ta’ din it-Taqsima għandhom japplikaw mill-1 ta’ Jannar 2021.

Subtaqsima 2
Skambju ta’ informazzjoni

Artikolu 47b

1. L-informazzjoni pprovduta mill-persuna taxxabbli li tuża l-iskema speċjali fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu XII tad-Direttiva 2006/112/KE lill-Istat Membru tal-identifikazzjoni meta tibda l-attivitajiet tagħha skont l-Artikolu 361 ta’ dik id-Direttiva għandha tiġi ppreżentata b’mod elettroniku. L-informazzjoni pprovduta mill-persuna taxxabbli li tuża l-iskema speċjali fit-Taqsima 3 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu XII tad-Direttiva 2006/112/KE lill-Istat Membru tal-identifikazzjoni meta tibda l-attivitajiet tagħha skont l-Artikolu 369b ta’ dik id-Direttiva għandha tiġi ppreżentata b’mod elettroniku.

2. L-Istat Membru ta’ identifikazzjoni għandu jittrażmetti l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 b’mezzi elettroniċi lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħrajn, fi żmien

għaxart ijiem mill-aħħar tax-xahar li matulu kienet riċevuta l-informazzjoni mill-persuna taxxabbli li tuża waħda mill-iskemi speċjali fit-Taqsimiet 2 u 3 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu XII tad-Direttiva 2006/112/KE. Bl-istess mod, l-Istat Membru tal-identifikazzjoni għandu jgħarraf lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħrajn bin-numru ta' identifikazzjoni individwali allokat tal-VAT.

3. L-Istat Membru tal-identifikazzjoni għandu jgħarraf b'mezzi elettroniċi mingħajr dewmien lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħrajn jekk il-persuna taxxabbli li tuża waħda mill-iskemi speċjali fit-Taqsimiet 2 u 3 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu XII tad-Direttiva 2006/112/KE tkun eskluża minn dik l-iskema speċjali.

Artikolu 47c

1. L-informazzjoni pprovduta mill-persuna taxxabbli li tuża l-iskema speċjali fit-Taqsima 4 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu XII tad-Direttiva 2006/112/KE jew l-intermedjarju tagħha, lill-Istat Membru tal-identifikazzjoni meta tibda l-attivitajiet tagħha skont l-Artikolu 369p(1) u (2) ta' dik id-Direttiva għandha tiġi ppreżentata b'mod elettroniku. Kwalunkwe bidla f'din l-informazzjoni pprovduta skont l-Artikolu 369p(3) tad-Direttiva 2006/112/KE għandha tkun sottomessa b'mezzi elettroniċi wkoll.

2. L-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jibgħat l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 b'mezzi elettroniċi lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħrajn, fi żmien għaxart ijiem mill-aħħar tax-xahar li matulu kienet riċevuta l-informazzjoni mill-persuna taxxabbli li tuża l-iskema speċjali fit-Taqsima 4 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu XII tad-Direttiva 2006/112/KE jew, fejn applikabbli, l-intermedjarju tagħha.

3. L-Istat Membru tal-identifikazzjoni għandu jgħarraf b'mezzi elettroniċi mingħajr dewmien lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħrajn jekk il-persuna taxxabbli li tuża l-iskema speċjali fit-Taqsima 4 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu XII tad-Direttiva 2006/112/KE jew, fejn applikabbli, l-intermedjarju tagħha, ikunu eskluži mill-iskema speċjali.

Artikolu 47d

1. Id-dikjarazzjoni tal-VAT bid-dettalji mniżżla fl-Artikoli 365, 369g u 369t tad-Direttiva 2006/112/KE għandha tiġi ppreżentata b'mod elettroniku.

2. L-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jibgħat din l-informazzjoni b'mezzi elettroniċi lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-konsum ikkonċernat mhux aktar tard minn 20 jum wara l-aħħar tax-xahar li fih kienet riċevuta d-dikjarazzjoni.

L-Istat Membru tal-identifikazzjoni għandu jibgħat ukoll l-informazzjoni prevista fil-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 369g tad-Direttiva 2006/112/KE lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' stabbiliment ikkonċernat.

L-Istati Membri li jeżiġu li d-dikjarazzjoni tal-VAT ssir fil-munita nazzjonali għajr l-euro, għandhom jikkonvertu l-ammonti f'euro permezz tar-rata tal-kambju valida għall-aħħar ġurnata tal-perjodu tat-taxxa. Il-kambju għandu jsir wara li jkunu ppubblikati mill-Bank Ċentrali Ewropew ir-rati tal-kambju għal dik il-ġurnata, jew, jekk m'hemmx pubblikazzjoni f'dik il-ġurnata, fuq ir-rati tal-kambju tal-ewwel ġurnata ta' wara l-pubblikazzjoni.

Artikolu 47e

L-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jittrażmetti b'mezzi elettroniċi lill-Istat Membru tal-konsum l-informazzjoni meħtieġa biex kull ħlas jitqabbel mad-dikjarazzjoni tal-VAT jew valutazzjoni ta' kull tliet xhur rilevanti.

Artikolu 47f

1. L-Istat Membru tal-identifikazzjoni għandu jara li l-ammont li ħallsu l-persuna taxxabbli li tuża waħda mill-iskemi speċjali stipulati fil-Kapitolu 6 tat-Titolu XII tad-Direttiva 2006/112/KE jew, jekk applikabbli, l-intermedjarju tagħha, huwa ttrasferit fil-kont tal-bank denominat f'euro li ntgħażel mill-Istat Membru tal-konsum li lilu huwa dovut il-pagament.

L-Istati Membri li jeħtieġu l-ħlas fil-munita nazzjonali għajr l-euro għandhom jikkonvertu l-ammonti f'euro permezz tar-rata ta' kambju valida għall-aħħar data tal-perjodu tat-taxxa. Il-kambju għandu jsir wara li jkunu ppubblikati mill-Bank Ċentrali Ewropew ir-rati tal-kambju għal dik il-ġurnata, jew, jekk m'hemmx pubblikazzjoni f'dik il-ġurnata, fuq ir-rati tal-kambju tal-ewwel ġurnata ta' wara l-pubblikazzjoni.

It-trasferiment għandu jsir mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara l-aħħar tax-xahar li fih sar il-ħlas.

2. Jekk il-persuna taxxabbli li tuża l-iskema speċjali jew, jekk applikabbli, l-intermedjarju tagħha, ma jħallsux it-taxxa kollha dovuta, l-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jiżgura li l-ħlas jiġi ttrasferit lill-Istati Membri tal-konsum b'mod proporzjonat għat-taxxa dovuta f'kull Stat Membru. L-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jinforma b'mezzi elettroniċi dwar dan lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-konsum b'dan.

Artikolu 47g

L-Istati Membri għandhom jinformaw b'mezzi elettroniċi lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra dwar in-numri ta' kontijiet bankarji rilevanti għall-kreditu tal-ħlas skont l-Artikolu 47f.

L-Istati Membri għandhom jinformaw mingħajr dewmien b'mezzi elettroniċi lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar tibdil fir-rati tat-taxxa applikabbli għall-provvista ta' prodotti u ta' servizzi li għalihom japplikaw l-iskemi speċjali.

Subtaqsima 3
Kontroll tat-tranżazzjonijiet u tal-persuni taxxabbli

Artikolu 47h

Mal-importazzjoni tal-prodotti li fuqhom hija ddikjarata l-VAT skont l-iskema speċjali stipulata fit-Taqsima 4 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu XII tad-Direttiva 2006/112/KE, l-Istati Membri għandhom jivverifikaw il-validità tan-numru ta' identifikazzjoni individwali tal-VAT allokat skont l-Artikolu 369q ta' dik id-Direttiva u kkomunikat bil-quddiem fir-rigward ta' dik l-importazzjoni lill-Istat Membru fejn isseħħ l-importazzjoni.

Artikolu 47i

1. Sabiex jikseb ir-rekords miżmuma minn persuna taxxabbli jew minn intermedjarju skont l-Artikoli 369, 369k u 369x tad-Direttiva 2006/112/KE, l-Istat Membru tal-konsum l-ewwel għandu jagħmel talba lill-Istat Membru tal-identifikazzjoni b'mezzi elettroniċi.

2. Meta l-Istat Membru tal-identifikazzjoni jirċievi talba bħal din, għandu jibgħat dik it-talba b'mezzi elettroniċi u mingħajr dewmien lill-persuna taxxabbli jew lill-intermedjarju tagħha.

3. Fuq talba, persuna taxxabbli jew l-intermedjarju tagħha għandhom jippreżentaw ir-rekords mitlubin b'mezzi elettroniċi lill-Istat Membru tal-identifikazzjoni. Tista' tintuża formola standard għall-preżentazzjoni tar-rekords lill-Istat Membru tal-identifikazzjoni.

4. L-Istat Membru tal-identifikazzjoni għandu jibgħat ir-rekords miksuba b'mezzi elettroniċi u mingħajr dewmien lill-Istat Membru rikjedenti tal-konsum.

5. Meta l-Istat Membru rikjedenti tal-konsum ma jirċivix ir-rekords fi żmien 30 jum mit-talba, dak l-Istat Membru jista' jieħu kwalunkwe azzjoni skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu sabiex jikseb it-tali rekords.

Artikolu 47j

1. Jekk l-Istat Membru tal-identifikazzjoni jiddeċiedi li jwettaq fit-territorju tiegħu investigazzjoni amministrattiva fuq persuna taxxabbli li tuża waħda mill-iskemi speċjali pprovduti fil-Kapitolu 6 tat-Titolu XII tad-Direttiva 2006/112/KE jew, jekk applikabbli, fuq intermedjarju, dan għandu jinforma bil-quddiem lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħrajn.

2. Jekk l-Istat Membru tal-konsum jiddeċiedi li hemm bżonn li ssir investigazzjoni amministrattiva, l-ewwel għandu jikkonsulta mal-Istat Membru tal-identifikazzjoni fuq il-bżonn li ssir investigazzjoni bħal din.

F'każijiet fejn jintlaħaq qbil fuq il-bżonn li ssir investigazzjoni amministrattiva, l-Istat Membru tal-identifikazzjoni għandu jgħarraf lill-Istati Membri l-oħrajn.

F'każijiet li fihom l-Istat Membru tal-identifikazzjoni ma jaqbilx fuq il-bżonn ta' investigazzjoni amministrattiva, għandu jgħarraf lill-Istati Membri kkonċernati l-oħrajn tal-konsum billi jispjega r-raġunijiet tiegħu. Jekk tal-anqas żewġ Stati Membri jqisu li hemm bżonn li ssir investigazzjoni amministrattiva, l-Istat Membru tal-identifikazzjoni għandu jkun meħtieġ iwettaq investigazzjoni amministrattiva f'koordinazzjoni ma' dawk l-Istati Membri. Jekk Stat Membru tal-konsum wieħed biss iqis li hemm bżonn li ssir investigazzjoni bħal din, dak l-Istat Membru tal-konsum jista' jieħu kwalunkwe azzjoni xierqa skont il-liġi nazzjonali tiegħu.

3. Kwalunkwe Stat Membru tal-konsum ikkonċernat jista' jieħu sehem f'investigazzjoni amministrattiva mwettqa mill-Istat Membru tal-identifikazzjoni fuq l-inizjattiva tiegħu stess jew fuq it-talba ta' Stat Membru tal-konsum. Għal din l-investigazzjoni amministrattiva, jistgħu jintużaw l-għodod u l-proċeduri msemmijin f'dan ir-Regolament.

4. Kull Stat Membru għandu jikkomunika lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni d-dettalji tal-persuna kompetenti responsabbli għall-koordinazzjoni tal-inkjesti amministrattivi fi ħdan dak l-Istat Membru.

Artikolu 47k

Malli jlesti investigazzjoni amministrattiva mwettqa skont l-Artikolu 47j, Stat Membru tal-konsum jista' jiddeċiedi li joħroġ, skont il-liġi nazzjonali tiegħu, valutazzjoni tat-taxxa ġdida, inklużi l-imgħax u l-penali possibbli li jridu jitħallsu.

Meta Stat Membru tal-konsum joħroġ valutazzjoni bħal din, għandu jitlob lill-Istat Membru tal-identifikazzjoni, skont l-Artikolu 25, sabiex jinnotifika din il-valutazzjoni lill-persuna taxxabbli jew, jekk applikabbli, lill-intermedjarju tagħha, u sabiex jiġbor l-ammont dovut minn din il-valutazzjoni. Din it-talba għal notifika, kif ukoll in-notifika sussegwenti lill-persuna taxxabbli jew, jekk applikabbli, tal-intermedjarju tagħha, għandha ssir b'mezzi elettroniċi.

Subtaqsima 4
Il-miżati dovuti għall-ġbir u għall-kontroll tat-taxxi miġburin bl-iskemi speċjali

Artikolu 47l

L-Istat Membru tal-identifikazzjoni għandu jitħallas mill-Istat Membru tal-konsum dritt relatat mal-ammont totali miġbur f'isem dak l-Istat Membru bl-iskemi speċjali stipulati fil-Kapitolu 6 tat-Titolu XII tad-Direttiva 2006/112/KE.

Dan id-dritt għandu jiġi kkalkolat bħala 5 % tal-ammont totali miġbur minn dak l-Istat Membru tal-identifikazzjoni f'isem l-Istat Membru tal-konsum, inklużi dawk l-ammonti miġburin wara investigazzjoni amministrattiva skont l-Artikolu 47j.

Il-miżata li trid titħallas ta' kull sena fuq il-bażi ta' sena kalendarja sħiħa għandha tiġi ttrasferita mill-Istat Membru tal-konsum lil dak l-Istat Membru tal-identifikazzjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu tas-sena kalendarja ta' wara.

Subtaqsima 5
Informazzjoni statistika

Artikolu 47m

L-Istati Membri għandhom jagħtu lill-Kummissjoni aċċess għall-informazzjoni statistika maħżuna fis-sistema elettronika tagħhom skont l-Artikolu 17(1)(d). Din l-informazzjoni ma għandux ikun fiha data personali."

Subtaqsima 6
L-għoti ta' setgħat ta' implimentazzjoni

Artikolu 47n

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-miżuri li ġejjin skont il-proċedura ta' eżami prevista fl-Artikolu 58(2):

(a) l-informazzjoni li trid tiġi ppreżentata mill-persuna taxxabbli kif imsemmija fl-Artikoli 47b(1), 47d(1) u 47i(3), kif ukoll il-mezzi tekniċi għall-preżentazzjoni ta' din l-informazzjoni;

(b) l-informazzjoni li trid tintbagħat bejn l-Istati Membri kif imsemmi fl-Artikoli 47b(2) u (3), 47c(2) u (3), 47d(2), 47e, 47f(2), 47i(1), (2) u (4), 47j(1), (2) u (4) u 47k kif ukoll il-mezzi tekniċi għat-trażmissjoni ta' din l-informazzjoni;

(c) il-lista minima tal-informazzjoni li trid tiġi ppreżentata mill-persuna taxxabbli kif imsemmija fl-Artikolu 47c(1), kif ukoll il-mezzi tekniċi għall-preżentazzjoni ta' din l-informazzjoni;

(d) il-mezzi tekniċi għat-trażmissjoni bejn l-Istati Membri tal-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 47g;

(e) il-mezzi tekniċi li bihom l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 47h għandha tiġi vverifikata mill-Istat Membru tal-importazzjoni;

(f) l-informazzjoni li trid tiġi aċċessata mill-Kummissjoni kif imsemmija fl-Artikolu 47m kif ukoll il-mezzi tekniċi għall-estrazzjoni ta' din l-informazzjoni."

(6) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 1 huwa mibdul b’dan li ġej:

“1. il-bejgħ mill-bogħod (l-Artikolu 33 tad-Direttiva 2006/112/KE);”

(b) il-punt 3 huwa mibdul b’dan li ġej:

“3. is-servizzi tat-telekomunikazzjoni, ix-xandir tar-radju u tat-televiżjoni u s-servizzi fornuti b’mod elettroniku (l-Artikolu 58 tad-Direttiva 2006/112/KE) ħlief meta l-persuna taxxabbli tagħmel użu mill-iskemi speċjali fil-Kapitolu 6 tat-Titolu XII tad-Direttiva 2006/112/KE.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta’ Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President